# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48

Il-Ġimgħa 29 t'April 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa b'urġenza *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ġimgħa 29 t'April 2022 fis-1.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Daniel Galea – Accountant tal-Kunsill

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

48.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi u l-Kunsilliera Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ser ikun indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji.

### 48.2 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements għas-sena 2021;

48.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*audited financial statements* għas-sena 2021 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri wara li kienu ġew ċirkulati minn qabel.

48.2.2 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea spjega s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill li temm din is-sena *b'surplus* li jiżdied ma' dak akkumulat matul is-snin. Huwa għarraf li l-Kunsill għaddej b'numru ta' proġetti li huma ko-finanzjati minn fondi oħrajn u għalhekk jista' jopera b'kumdita'. L-Accountant spjega li ma kienx hemm aġġustamenti mill-awdituri li biddlu l-figuri tal-istqarrijiet finanzjarji mhejjija inizjalment.

48.2.3 L-*audited financial statements* għas-sena 2021 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

### 48.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

Konfermati illum, il-Ħamis 12 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri<br>Sindku | Ryan Debrincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR